MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1014/2004

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Pierre Borg**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' mitejn u wiehed u erbghin lira u wiehed u hamsin centezmu Maltin (Lm241.51) dovuta in kwantu ghas-somma ta' mitejn u teltin lira u wiehed u hamsin centezmu Maltin (Lm230.51) import ta' kambjala li d-data ta' maturita` taghhom skadiet (liema kambjala giet annessa ma' l-Avviz tat-Talba u mmarkata bhala Dok. 1) u in kwantu ghas-somma ta' hdax-il lira Maltin (Lm11) dovuta bhala imghax legali mill-konvenut fuq l-istess sad-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-Talba.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u erbghin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm241.51), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------